A.L. 79 ta' l-1990

ATT TA' L-1988 DWAR ATTIVITAJIET KUMMERĊJALI INTERNAZZJONALI TA' MALTA

Regolamenti ta' l-1990 dwar Emenda fid-Drittijiet li joħorġu mill-Att dwar Attivitajiet Kummerċjali Internazzjonali ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 52 ta' l-Att ta' l-1988 dwar Attivitajiet Kummerċjali Internazzjonali ta' Malta, il-Ministru għall-Iżvilupp Terzjarju, bil-parir ta' l-Awtorità dwar il-Kummerċ Internazzjonali ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1990 dwar Emenda fid-Drittijiet li joħorġu mill-Att dwar Attivitajiet Kummerċjali Internazzjonali ta' Malta, u għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1988 dwar Attivitajiet Kummerċjali Internazzjonali ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att".

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att.

2. Minflok il-paragrafu (f) ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att, għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:—

	MAR-REĠISTRAZZJONI Lm	DRITT ANNWALI Lm
"(f) dwar kumpannija *offshore* mhux kummerċjali —		
(i) li espressament tillimita l-għanijiet tagħha għall-proprjetà, tmexxija, amministrazzjoni, jew itthaddim ta' bastiment jew bastimenti, liema attività tista' tinkludi attivitajiet anċillari għal dawk imsemmija; jew		
(ii) li jkollha biss azzjonijiet jew obbligazzjonijiet ta' kumpannija jew kumpanniji, kif muri fis-subparagrafu (i) ta' qabel	100	100".